

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' April 2018 – Alba Aguilera et vs SEAE(Kawża T-119/17) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Membri tal-persunal temporanju — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Remunerazzjoni — Persunal tas-SEAE assenjat f’pajjiż terz — Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal — Evalwazzjoni annwali tal-allowance tal-kundizzjonijiet tal-għajxien — Deċiżjoni li tnaqqas l-allowance tal-kundizzjonijiet tal-għajxien fl-Etjopja minn 30 għal 25 % — Nuqqas ta’ adozzjoni ta’ dispożizzjonijiet ġenerali ta’ implimentazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal — Responsabbiltà — Danni morali”)

(2018/C 190/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ruben Alba Aguilera (Addis Ababa, l-Etjopja) u l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tas-SEAE li isimhom huwa inkluż fl-Anness (rappreżentant: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuti: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentant: S. Marquardt u R. Spac, aġenti, assistenti minn M. Troncoso Ferrer, F. M. Hislaire u S. Moya Izquierdo, avukat)

Suġġett

Talba li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-Deċiżjoni tas-SEAE tad-19 ta' April 2016 li tnaqqas, mill-1 ta' Jannar 2016, l-allowance tal-kundizzjonijiet tal-għajxien imħallsa lill-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat fl-Etjopja u, min-naħa l-oħra, għar-riżarċiment tad-danni morali allegatament subiti mir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) *Id-deċiżjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tad-19 ta' April 2016 li tnaqqas, mill-1 ta' Jannar 2016, l-allowance tal-kundizzjonijiet tal-għajxien imħallsa lill-persunal tal-Unjoni assenjat fl-Etjopja, minn 30 għal 25 %, tal-ammont ta' riferiment, hija annullata.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Is-SEAE huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 129, 24.4.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' April 2018 – Bielawski vs EUIPO (HOUSE OF CARS)(Kawża T-364/17) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali HOUSE OF CARS — Raġuni assoluta għal rifjut — Assenza ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/2009 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Aspettattivi leġittimi — Ċertezza legali”)

(2018/C 190/48)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Marcin Bielawski (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: M. Kondrat, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Marzu 2017 (Każ R 2047/2016-5), dwar talba għar-reġistrazzjoni tas-sinjala verbali HOUSE OF CARS bħala trade tal-Unjoni Ewropea.